MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Numru 235/2004

**Il-Pulizija**
(Spettur Mario Tonna)
**vs**
**Alexander Azzopardi**
**Robert Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Alexander Azzopardi ta' 22 sena imwieled Pieta' nhar it-13 ta' Gunju 1982, bin John u l-mejta Maria nee' Faella residenti gewwa Block F Flat 14, Triq il-Kiklin, Zabbar u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 321682M.

U Robert Sultana ta' 22 sena imwieled Pieta' nhar is-17 ta' Ottubru 1981 bin Joseph u Janey nee' Vella residenti gewwa numru 3, Flat 3, Triq il-Madonna tal-Grazzja,

Bormla u dtentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 576081M.

Fil-konfront taz-zewg imputati Alexander Azzopardi u Robert Sultana flimkien:-

Talli:-

Nhar l-24 ta' Marzu 2002 ghall-habta ta' 5.20pm gewwa Triq Dragonara, Paceville, San Giljan:-

1. attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe' fuq il-persuna ta' l-Assisstent Kummissarju Josie Brincat u dan ai terminu ta' l-ariklu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkustanzi ingurjaw jew heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew jbezzughom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni tal-Assisstent Kummissarju tal-Pulizija Josie' Brincat, il-kuntistabbli 670 W Sheldon u l-kuntistabbli 264 Robert Spiteri u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli ikkagunaw griehi hfief fuq l-istess persuna ta' l-Assisstent Kummissarju Josie Brincat skond kif iccertifika Dr. Fernado Pisani MD ta' l-Isptar San Luqa u dan ai terminu tal-artikolu 221 (1b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija fl-istess lok u cirkostanzi mill-Assisstent Kummissarju Josie Brincat u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu ta' l-artikolu 338 (dd) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U fil-konfront ta’ Robert Sultana wahdu talli fl-24 ta’ Marzu 2002 ghall-habta tas-06.00pm gewwwa l-ghassa ta’ San Giljan:-

1. Qal kliem fahxi li jikkonsissti f’dagha gewwa post pubbliku u dan ai terminu ta’ l-artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl-istess data u hin gewwa il-Pjazza Qalb ta’ Gesu’ San Giljan saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABJ 239 tal-ghamla Toyota b’manjiera traskurata, perikoluza u negligenti.

3. U aktar talli saq l-istess vettura fl-istess hin u lok bi ‘speed’ eccessiv.

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded u ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuni tas-Surgent 1492 J. Pace u il-kuntistabbli 1575 Robert Fava ai terminu tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni

Ikkonsidrat:-

1. Fl-24 ta’ Marzu 2002 l-Assisstent Kummissarju Joseph Brincat flimkien mal-Kuntistabbli numru 670 Walter Sheldon u l-kuntistabbli 264 Robert Pisani kien qed jaghmlu r-ronda wara nofs in-nhar f’Paceville. Il-hin kien bejn wiehed u iehor il-5.00pm. Bdew jidhlu fil-hwienet u meta waslu quddiem hanut jismu ‘Black Bull’ lemhu zewg koppji li wara rrizulta li kienu l-akkuzat Alexander Azzopardi u Mandy Mifsud/l-akkuzat Robert

Sultana u Tracy Mifsud. In-nisa huma ahwa. L-assisstent Kummissarju identifika ruhu u talab lil-Mandy Mifsud il-karta ta’ l-identita’ li hasibha taht l-eta. Fil-fatt ma kienetx imma dan irrizulta wara. Karta ta’ l-identita ma kellhiex. Inhasdet u talabha li ticcaqlaq minn postha biex tkellmu. Hawnhekk qam l-inkwiet kollu. Azzopardi beda jikkustinja u jghajjat ghax ried li tingieb pulizija mara. Qam bil-wieqfa, Brincat mar “biex naqbdu minn spallejh, immedjetament kif wasalt….xejjirli daqqa ta’ ponn tefani ma l-art.” Il-Qorti qed toqghod fuq din il-verzjoni. Fil-fatt Brincat gie taht b’Azzopardi fuqu (xhieda ta’ l-istess Azzopardi a fol 88). Qabel Azzopardi kien qal lit-tfajla tieghu biex hi ma tqumx minn bil-qeghda. Brincat jghid li z-zewg imputati bdew jaghtuh bis-sieq u wegghuh. Dottor Fernando Pisani ta’ l-Isptar San Luqa stqarr li l-Assisstent Kummissarju kellhu “feriti (hfief) li kienu jidhru, kellhu xi brixx fuq il-minkeb tal-lemin u fuq idu x-xellugija” li huma kompatibbli ma minn jaqa fl-art (fol 45-46). Skond PC 670 Robert Sultana ta bis-sieq lill-Assisstent Kummissarju u laqtu ‘miz-zaqq il-fuq’. Skond PC 264 Brincat Brincat qala’ daqqa ta’ sieq fuq wahda minn saqajh, ma jafx liema (fol 59). It-tabib Couson isemmi ‘abressions, right elbow and left wrist’- ‘slight injury’ (fol 31). Tirrizulta ferita fuq l-idejn. Iz-zewg akkuzati habbtu ghal Brincat.

2. Azzopardi ghamel ‘reziztenza’ mal-kuntisstabli Sheldon u dan kellu jimmnettjah. Qallu hadtlek in-numru (fol 53), jigifieri l-akkuzat lil-Sheldon. Azzopardi immanettjat ittiehed l-ghassa ta’ San Giljan b’karozza tal-Pulizija. Brincat fil-frattemp kellem lit-tfajla li qaltlu li kellha wiehed u ghoxrin sena (veru) u wara sar xi stharrig fuq hekk mis-surgent 504.

3. L-akkuzat Sultana u t-tfajliet marru l-Ghassa ta’ San Giljan, fit-triq staqsa pulizija fejn ha l-akkuzat l-iehor u l-Pulizija skond Mandy Mifsud qallu:-

“Mur ibni d-dar issa niehdu kollox hsieb ahna”

Parir ghaqli ta’ Pulizija li kien jaf li l-qiegha kienet sahnet.

4. Sultana dahal l-ghassa sab lil-kuntistabbli 1575 Robert Fava li qallu li seta jmur la ma kellu xejn x’jaqsam ma li gara. Lil-kuntistabbli kien cempillu Brincat dwar ‘wiehed’ (fol 62-63). Meta hareg il-kuntistabbli sema

twerziq ta’ roti. Is-sekwenza mhix cara. Ittiehdu l-‘particulars’ ta’ Sultana li beda jidghi u li kien ser ipattiha (ibid).

5. P.S. Joseph Pace xehed li fl-ghassa Azzopardi qal xi kliem hazin u hedded lill-kuntistabbli Fava. Pace qal lil Azzopardi biex jaqta’ d-diskors. F’xi hin meta l-akkuzat Sultana hareg mill-ghassa u dahal fil-karozza tieghu l-kuntistabbli Fava jghid li semgha ‘hafna twerziq ta’ roti barra hrigt mit-tieqa ghalih u kien ghadu quddiem l-ghassa. Ix-xhieda ‘in difesa’ jghidu li kienet ghaddejja karozza hamra issuq hazin u taghmel l-istorbju.

6. Mix-xhieda jirrizulta li l-akkuzati Azzopardi u Sultana wettqu ir-reat kontemplat fl-artikolu 95(1) b’dak li ghamlu vis-a vis l-Assisstent Kummissarju li bhal kull pulizija ghandu jedd jitlob taghrif minn bniedem dwar l-identita’ tieghu u jista’ jarrestah jekk ma jaghtihomx. Ghamlulu offizi fuq il-persuna tieghu u barra dan tawh bis-sieq waqt li kien qed jaqdi dmiru skond il-ligi li fuqu titfa dmirijiet li jried jaghmilhom.

7. L-akkuzat Azzopardi ghamel reziztenza fil-konfront ta’ P.C. 670 Walter Sheldon biex ma jigiex arrestat. Il-gurisprudenza tghallem li hawn m’hawnx reat kontinwat imma reat iehor kontemplat taht l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 (ara sentenza ‘Ir-Repubbblika ta’ Malta vs Muscat 13/5/1998’, Appell Kriminali u sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali in re ‘Il-Pulizija vs Stephen Borg’, 26/01/1999).

Imma l-akkuza hi msejsa fuq l-artikolu 95, dan dejjem dwar Azzopardi vis-à-vis Sheldon.

8. Ma jirrizultax li ma sar xejn kontra il-kuntistabbli numru 264 li hadem biex jieqaf l-attakk kontra Brincat.

9. Fil-konfront ta’ Robert Sultana jirrizulta d-dagha. Ma jirrizultax sewqan traskurat, perikoluz u negligenti billi l-karozza bis-sewwieq go fiha ghamlet il-hsejjes imma kienet ghada ma ccaqalqitx. Lil-P.S. 1492 ma gara xejn fuqu jew fi dmirijietu. Hu waqqaf lil-Sultana biex jieqaf mid-diskors. Fil-konfront tal-Kuntistabbli 1575 Robert Fava l-akkuzat heddu bil-kliem waqt il-qadi ta’ dmiru gewwa l-ghassa ta’ San Giljan.

10. Ghalhekk iz-zewg akkuzati huma hatja that l-artikolu 95(1) fil-konfront ta' l-Assisstent Kummissarju Joseph Brincat u mhux hatja ta' l-ewwel.
Bl-istess mod Sultana hu hati tar-reat taht l-artikolu 96 billi hedded lil-kuntistabbli 1575 Robert Fava. Hati li daghha wkoll.

11. Tillibera lill-akkuzati mill-ewwel akkuza. Dwar it-tieni akkuza issibhom hatja fil-konfront tal-Assisstent Kummissarju Brincat. Tillibera lill-akkuzati Sultana u Azzopardi mill-bqija ta' din l-akkuza fejn jissemmew persuni ohra. L-akkuzi 3,4,5, huma assorbiti fit-tieni. Issib lil-akkuzat Sultana wahdu hati tar-reat taht l-art 342 tal-Kapitlu 9, mhux hati tat-tieni u t-tielet akkuza li ma jirrizultawx. Issibu hati fil-konfront ta' P.C. 1575 tar-reat that l-art 95 tal-Kapitlu 9 u mhux hati fil-konfront tal-kuntistabbli 1492 Pace.

12. Fil-konfront ta' Alexander Azzopardi rat l-ariklu 95(1) u tikkundannah xahar prigunerija.

13. Fil-konfront ta' Robert Sultana rat l-artiklu 95(1) u l-artiklu 342 tal-Kapitlu 9 flimkien ma' l-artiklu 17.
Tikkundannah xahar prigunerija u hames liri Maltin (LM 5) ammenda.
Il-Qorti qed tapplika piena karcerarja minhabba s-serjeta' tal-kaz. Il-pulizija imxiet skond il-ligi u l-akkuzati qalghu l-incident biex jaghmlu ksuhata. Il-pulizija m'ghanda qatt tigi mfixxkla fil-qadi ta' dmirijietha. L-akkuzati kienu jafu kif jirrizulta mix-xhieda imressqa minnhom. F'dan il-kaz il-pulizija kienet qed idur hwienet f'Paceville biex tara jekk zaghzagh taht l-eta' kienux qeghdin f'xi hanut jew izjed. Il-Pulizija qed thares liz-zghazagh u l-akkuzati m'humiex boloh. Il-Qorti tittama li l-hatja ma jergghux jaghmlu jew joholqu xeni u jiksru l-ligi u jwegghu lil-haddiehor biex jidhru li huma ghandhom il-hila li jehduha kontra kullhadd u hekk jimpressjonaw it-tfajliet li kienu maghhom. Min jaghmilha ta' 'bully' irid ibati l-konsegwenzi. Fl-ahharnett il-Qorti thoss li ghanda taghmel referenza ghas-sentenza in re 'Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi (Qorti ta' l-Appell Kriminali 30/07/04) dejjem sa fejn kompattibbli.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------